MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 1508/2000/1

**John Bugeja**

**v.**

**Il-Provincjal Reverendu Alfred Calleja O.F.M. Conv. bhala ammistratur tal-beni tal-provincja tal-Frangiskani Minuri Konventwali, u b'nota tal-11 ta' Marzu 2009 il-Provincjal Reverendu Samuel Chetcuti bhala Amministratur tal-beni tal-provincja tal-Frangiskani Minuri Konventwali assuma l-atti tal-kawza minflok ir-Reverendu Alfred Calleja O.F.M. Conv., u b'digriet tas-6 ta' Lulju 2009 l-Avukat Generali gie ammess jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis***

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell li jittratta dwar allegata vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ghall-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens kif protett bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tad-dritt fondamentali ghat-tgawdija pacifika tal-proprjetà kif sancit fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, rizultanti tali allegata vjolazzjoni minn provvedimenti tal-ligi, u senjatament mill-Artikolu 12(4), (5) u (6) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta (l-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar).

2. F'dan l-appell giet sollevata wkoll il-kwistjoni tan-nullità tas-sentenza appellata billi skond l-appellant nomine l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra u tiddeciedi l-eccezzjoni ta' l-irritwalità ta' l-Att ta' Citazzjoni minnu sollevata b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu, kif jirrikjedi l-Artikolu 730 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta (il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili).

3. Il-fatti li taw lok ghall-kaz in ezami huma s-segwenti:

- Bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza datat 15 ta' Frar 1962, giet assenjata a favur Frank Bugeja, missier l-attur, il-bqija tal-koncessjoni enfitewtika temporanja tal-fond bin-Numru 15, Tignè Street, Sliema;

- Bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin datat 10 ta' Ottubru 1973, Frank Bugeja ittrasferixxa b'titolu ta' donazzjoni a favur ibnu l-attur, il-bqija tal-koncessjoni enfitewtika temporanja ta' l-imsemmi fond;

- Illi l-enfitewsi temporanja tal-fond Numru 15 f'Tignè Street, Sliema, kienet taghlaq fil-21 ta' Lulju 2000 u fil-fehma ta' l-attur jissussistu r-rekwiziti kollha necessarji sabiex tali koncessjoni enfitewtika temporanja

tigi konvertita f'enfitewsi perpetwa a tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Ghalkemm l-attur interpella lill-konvenut nomine, *qua* padrun dirett tal-fond in kwistjoni, sabiex jersaq ghall-pubblikazzjoni ta' l-att pubbliku opportun ghall-konversjoni ta' l-enfitewsi temporanja f'wahda perpetwa, l-istess konvenut nomine baqa' inadempjenti;

- Ghalhekk l-attur istitwixxa dawn il-proceduri fil-konfront tal-konvenut nomine.

**Talbiet u Eccezzjonijiet**

4. Permezz ta' Att ta' Citazzjoni pprezentat fl-20 ta' Lulju 2000 l-attur talab lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex: (i) tiddikjara li l-koncessjoni enfitewtika temporanja tal-fond Nru 15, Tignè Street, Sliema, tigi konvertita ghal wahda perpetwa skond il-ligi; (ii) tappunta u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirredigi l-kuntratt tal-koncessjoni perpetwa ta' l-imsemmi fond; (iii) tordna lill-konvenut illi jidher u jiffirma l-kuntratt tal-koncessjoni perpetwa; u (iv) tordna illi f'kaz tal-kontumacja tal-konvenut, jinhatru kuraturi deputati sabiex jidhru minflok il-konvenut fuq l-imsemmi kuntratt.

5. B'nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-8 ta' Novembru 2000 (fol. 19 tal-atti) il-konvenut nomine laqa' ghat-talbiet attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) illi l-ligi citata mill-attur mhix applikabbli ghall-kaz; (ii) illi dawk id-disposizzjonijiet ta' dik il-ligi jivvjolaw id-drittijiet fondamentali tal-konvenut kif protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protkoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem; (iii) l-irritwalità tac-citazzjoni ghax ma hemmx spjegat kif il-proprjetà tikkwalifika biex tigi l-koncessjoni enfitewtika konvertita f'wahda perpetwa; (iv) illi ma jissussistux dawk ir-rekwiziti necessarji biex tali koncessjoni tigi konvertita f'wahda perpetwa; u li in oltre (v) it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

**<u>Sentenza Appellata</u>**

6. B’sentenza moghtija fl-4 ta’ Marzu 2009 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet mill-kawza billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u laqghet it-talbiet attrici u (i) iddikjarat li l-koncessjoni enfitewtika temporanja tal-fond Nru 15, Tignè Street, Sliema, tigi konvertita f’wahda perpetwa bil-kanone annwu jsir Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€1.75); (ii) innominat lin-Nutar Daniela Borg biex tippubblika l-att relattiv; (iii) ordnat lill-konvenut jidher u jiffirma l-kuntratt in kwistjoni li ghandu jsir fil-bini tal-Qorti f’data li tigi ffissata mill-Qorti fuq talba tan-Nutar hekk nominat jew xi hadd mill-partijiet; u (iv) innominat lill-Avukat Dottor Gabrielle Buttigieg bhala kuratrici ghall-kontumaci. Dwar l-ispejjez giudizzjarji l-Qorti ta’ prim istanza ddecidiet illi fic-cirkostanzi dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

7. L-Ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi qabel il-Qorti tidħol fil-mertu reali ta’ din il-kawża, peress li l-atturi qajmu [recte: l-attur qajjem] l-kwistjoni setax il-konvenut jagħti l-eċċezzjoni tiegħu fis-sens li l-liġi in kwistjoni hijix applikabbli jew kellux huwa stess jistitwixxi kawża kostituzzjonali fir-rigward, l-istess Qorti trid allura tara jekk dan l-ilment huwiex ġustifikat. Din is-sitwazzjoni hija simili għal meta konvenut jeċċepixxi nullita` ta’ kuntratt u allura tqum il-kwistjoni jekk għandux huwa jiftaħ proċedura biex jattakka dak il-kuntratt jew jistax jagħti eċċezzjoni f’dak is-sens.

“Dwar din it-tip ta’ eċċezzjoni wieħed jista’ liberament jgħid li hemm sentenzi tal-Qrati tagħna illi ma jaqblux ma’ xulxin, anke forsi tenut kont ta’ l-eċċezzjoni x’tirrigwardja. Hemm diversi sentenzi illi jiddistingwu bejn **nullita`** u **annullabilta`** anke jekk il-liġijiet tagħna ma jagħmlux din id-distinzjoni.

“L-artiklu 1226 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

*““L-eċċezzjoni tan-nullita` tista’ f’kull żmien tiġi mogħtija minn dak li jkun imħarrek għall-esekuzzjoni tal-kuntratt fil-każijiet li fihom hu inniffsu seta’ jaġixxi għar-rexissjoni.”*

“Hemm sentenzi illi jiddistingwu bejn nullita` u annullabbilta` u din id-distinzjoni jagħmluha l-awturi Taljani. Din id-distinzjoni għal ħafna żmien ġiet segwita mill-Qrati tagħna bħala ġustifikażżjoni għar-regola li meta n-nullita` ma tkunx espressament dikjarata mill-liġi iżda tirriżulta biss wara eżami serju tal-każ allura tali kuntratt jista’ jiġi annullat biss mill-Qorti permezz ta’ azzjoni. Kif innutat il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawża fl-ismijiet **George Borg nomine vs Ronald Camilleri** deċiża fit-28 ta’ Frar 1997, l-Artikolu 1226 imsemmi hu riprodott mill-Artikolu 934 ta’ l-Ordinanza numru VII tal-1868. Il-Qorti ta’ l-Appell sa mill-1876 kellha okkażjoni tikkumenta illi:

*““Attessoche` l’idea predominante nell’articolo 934 … e` certamente di elevare la regola di diritto comune ... temporalia ad agendum sunt perpetua ad exceptionem ... ad una espressa disposizione patria e non certamente quella di sanzionare che tutte le specie di nullita` si possono proporre in via di eccezione.”*

“Dan il-bran hu meħud mis-sentenza fl-ismijiet **Carmela Agius vs Dr Francesco Frendo** (15 ta’ Marzu 1876).

“Il-Qorti ta’ l-Appell pero` fis-sentenza msemmija **Borg vs Camilleri** qalet ukoll:

*““Din il-ġurisprudenza tabbraċċja allura dik Taljana li tiddistingwi bejn nullita` u annullabbilta` … u bejn nullita` assoluta u nullita` parzjali imma dan f’qasam fejn fil-verita` d-disposizzjonijiet fil-kodiċi ċivili Taljan ma jittaljawx għal kollox ma dawk nostrani. Is-sottomissjoni li l-liġi tagħna ma tagħmel ebda distinzjoni … tidher li hija sostanzjalment korretta fil-kuntest ta’ ammissibbilta` ad hoc anke jekk kif fuq aċċennat il-liġi tipprovdi f’ċerti każi ... għan-nullita` relattiva ta’ obbligazzjoni. Relattiva fis-sens li tista’ tiġi sollevata biss minn persuna li l-liġi trid espressament tipproteġi.”*

*“Ikkunsidrata l-materja b’dan il-mod, jidher li l-leġislatur għażel li jiddetermina liema każijiet kien permess li tingħata l-eċċezzjoni ta’ nullita` u dana lil’ hinn mill-konsiderazzjoni ta’ kunċetti pjuttost astratti… Eċċezzjoni ta’ nullita` li allura teskludi l-ħtieġa ta’ azzjoni ta’ dikjarazzjoni ta’ nullita` liema rimedju jibqa’ dejjem miftuħ lill-parti nteressata fejn iċ-ċirkostanzi hekk jiġġustifikaw.”*

“Wieħed irid jgħid għall-benefiċċju tal-verita` storika li l-Qorti imbagħad ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nullita` minħabba raġunijiet oħra u ċjoe` li l-konvenut li kien qed jeċċepixxi n-nullita` għaliex ma kienx għalaq tmintax-il sena meta ffirma l-kuntratt, wara issana dan billi kompla jesegwih. Il-valdita` ta’ din is-sentenza għar-rigward tal-kawża odjerna hija pero` li l-Qorti ma qablitx mad-distinzjoni msemmija u qalet li *una volta* l-konvenut jista’ jaġixxi għan-nullita`, tali eċċezzjoni tista’ tingħata u għalhekk hija ammissibbli.

“Fil-każ in eżami l-Qorti tħoss li *multo magis* il-konvenut jista’ jagħti din l-eċċezzjoni għaliex huwa addirittura qed jeċċepixxi illi l-artikolu tal-liġi invokat mill-attur jikser id-drittijiet fundamentali tiegħu u allura ma jiswiex.

“Kif jidher ċar mill-esposizzjoni tal-fatti kontenuti fiċ-ċitazzjoni u n-nota ta’ l-eċċezzjonijiet, l-attur qed jitlob li l-konvenut jiġi mġiegħel jittrasferilu taħt titolu ta’ enfitewsi perpetwa l-fond imsemmi u dan taħt dak li jipprovdi l-Artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta’ Malta. Dan il-fond kien ġie trasferit lil missier l-attur taħt titolu ta’ enfitewsi temporanja fl-1962 u iktar tard l-attur ġie mogħti b’titolu ta’ donazzjoni l-*utile* dominju li kien baqa’. Oriġinarjament il-fond kien ingħata għal 150 sena, naturalment dejjem taħt enfitewsi temporanja.

“Huwa fatt magħruf li dwar sitwazzjonijiet simili mill-aspett legali (fuq kollox din hija kwistjoni prettament legali) il-Qrati tagħna sa issa kellhom okkażjoni jiddeċiedu numru żgħir ta’ kawżi u sfortunatament ma hemmx qbil f’dawn is-sentenzi. Is-sentenzi ngħataw minn din il-Qorti diversament preseduta u sa issa għad ma hemmx pronunzjament tal-Qorti ta’ l-Appell li jista’ jkun deċisiv.

"L-ewwel darba li l-artiklu in kwistjoni ġie ritenut li jmur kontra l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kien fis-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) **Mario Galea Testaferrata et vs Prim Ministru et** deċiża fit-3 ta' Ottubru 2000 illi ddikjarat illi l-artikolu 12 (4) u (5) tal-Kap. 158 huma nulli u bla effett peress li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem skond l-artikolu 37. Din is-sentenza għaddiet in ġudikat peress li l-appell ġie dikjarat deżert (din is-sentenza li ddikjarat l-appell deżert qed tiġi attakkata fi proċeduri separati li għadhom pendenti).

"Il-Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha peress illi qalet li għalkemm l-artikolu in kwistjoni jġiegħel lid-direttarju jikkonċedi l-fond b'titolu ta' enfitewsi perpetwa u allura huwa se jibqa' jirċievi l-kanone annwu, l-ammont ta' kanone (sitt darbiet dak eżistenti) huwa tant irriżorju li jikkostitwixxi forma ta' espropjazzjoni forzata mingħajr kumpens adekwat. Il-Qorti ċċitat f'dan is-sens numru ta' sentenzi tal-Qorti Ewropeja, per eżempju **Papamichalopulos vs Grecja – 24 ta' Ġunju 1993** fejn intqal illi:

*""In the absence of a formal expropriation, that is to say a transfer of ownership, the court considers that it must look behind the appearances and investigate the realities of the situation complained of ... Since the convention is intended to guarantee rigħts that are 'practical and effective' it has to be ascertained whether the situation amounted to a de facto expropriation."*

"Din il-kostatazzjoni saret anke mill-Qrati tagħna fis-sentenzi **Perit Domenic Mintoff vs Onor. Prim Ministru et** (Qorti Kostituzzjonali 30 04 1996) u **John Mousu vs Direttur tal-Lottu Pubbliku** (Prim Awla - 22 ta' Jannar 1999). Fl-ewwel każ il-Qorti qalet illi l-artikolu 37 jipproteġi mhux biss kontra espropriazzjoni vera u proprja iżda anke kontra esproprjazzjoni *di fatto* u ċjoe` *f' dawk is-sitwazzjonijiet li fis-sustanza jekwivalu għal esproprjazzjoni.*

"Il-Qorti fis-sentenza ta' Galea Testaferrata rrikonoxxiet id-dritt ta' l-istat illi jilleġisla biex itaffi l-problemi ta' *housing* – u dan huwa anke rikonoxxut fis-sentenzi tal-Qorti Ewropeja (ezempju l-każ **James Case vs Mellacher Case**)[1]. F'każijiet bħal dawn, kif qalu diversi awturi, wieħed irid isib dejjem bilanċ bejn id-dritt tas-sid u l-bżonn ta' tali leġislazzjoni. (eżempju **Sporrong and Lonnorth** – 1982).

"L-istess Prim Awla fis-Sede Kostituzzjonali tagħha pero` tat sentenza fis-sens oppost fil-kawża fl-ismijiet **Josephine Bugeja vs Avukat Ġenerali et** (3 ta' Ottubru 2008). F'din is-sentenza l-Qorti l-ewwelnett qalet li s-sentenza ta' Galea Testaferrata kienet tapplika biss għall-partijiet u mhux *erga omnes.* Għalhekk reġgħet eżaminat il-kwistjoni u kkonkludiet illi *"din il-Qorti kif preżentament preseduta ma taqbilx li bis-saħħa ta' l-emendi ntrodotti ... il-padrun dirett għandu d-drittijiet tiegħu reali fuq il-proprjeta' mnaqqsa; id-dritt t' użu u ta' tgawdija favur is-sid ġie mtawwal in perpetwu pero' d-drittjiet reali tal-padrun dirett baqgħu mhux mittiefsa inkluż id-dritt tieħu li jitlob l-eżekuzzjoni ta' xi drittijiet imqegħda favur tiegħu fuq il-kuntratt u r-riżoluzzoni tal-konċessjoni enfitewtika u r-radd lura f'idejh tal-proprjeta' f'każ li l-enfitewta jikser xi kundizzjonijiet kuntrattwali jew impost fuqu bil-liġi".* Il-Qorti ċċitat ukoll il-kawża **Galea vs Briffa** (30 ta' Novembru 2001) fejn il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet li l-artikolu li jagħti dritt lill-enfitewta jdawwar il-konċessjoni ta' inqas minn tletin sena f'kirja ma kienitx tikser id-dritt ta' proprjeta sanċit mill-artikolu 37 peress li ma jikkostitwixxix teħid ta' proprjeta'. Anke l-Kummissjoni Ewropeja fis-sentenza **Zammit vs Malta** (12 ta' Jannar 1991) qalet li *"The Commission recalls the case-law of the commission and Court which recognize that state intervention in socio economic matters such as housing is often necessary in securing social justice and public benefit. In this area the margin of appreciation available to a legislature in implementing social and economic policies is necessarily a wide one, both with regard to the existence of a problem of public concern warranting a measure of control and as*

[1] Recte: James Case u Mellacher Case – nota tal-Qorti Kostituzzjonali.

*to the choice of the rules for the implementation of such measures”.* Għalhekk f’dan il-każ il-Qorti ċaħdet it-talba attriċi.

“Ftit ġranet wara u ċjoe` fit-30 ta’ Ottubru 2008 l-istess Qorti fis-sede ċivili tagħha iżda diversament preseduta fil-kawża **Paola Vassallo vs Marija Dalli** dehrilha li s-sentenza ta’ Galea Testaferrata ma kienitx biss torbot lill-partijiet ta’ fiha iżda billi l-Qorti iddikjarat liġi partikolari illi tmur kontra l-kostituzzjoni, kellha saħħa fil-konfront ta’ kulħadd - *erga omnes.* Hija qalet illi *“ma jidhirx li jkun sewwa li dik il-liġi tibqa’ titħaddem jew jingħataw xi rimedji lil xi parti f’kawża, bla ma l-Qorti nnifisha tkun qiegħda, bit-tħaddim ta’ dik l-istess liġi, tikser ukoll il-konvenzjoni jew il-Kostituzzjoni. Huwa minnu li ebda sentenza ma tħassar liġi – li għamil u t-tħassir tal-liġi hija funzjoni esklussiva tal-Parlament; iżda meta b’sentenza xi liġi titqies li hija nulla u bla effett, ħadd ma għandu jistenna li xi Qorti tapplika liġi bħal dik fi kwistjoni li titqajjem quddiemha sempliciment għaliex il-Parlament ma jkunx (għadu) ħassarha wara sentenza tal-Qorti”.*

“Din is-sitwazzjoni tpoġġi problema kbira lill-Qorti għaliex iż-żewġ teżijiet għandhom il-piż tagħhom. Ċertament ma jkunx ġust għal kull min jirrikorri għall-Qrati tagħna li f’dan l-aspett ikollu żewġ riżultati differenti u ċertament hemm bżonn leġislazzjoni mingħajr dewmien biex is-sitwazzjoni tiġi kristallizzata. Din għandha tkun fis-sens li jkun hemm mekkaniżmu ċar biex sentenza finali li tiddikjara li liġi tmur kontra d-dettami tal-kostituzzjoni tiġi immedjatament applikata biex tkun tifforma stat għal kulħadd. Madankollu l-Qorti thoss li kollox ma kollox ladarba llum l-unika regola li għandna fir-rigward hija dik inkorporata fl-Artikolu 237 tal-Kap. 12, sentenza finali għandha saħħa biss fuq il-partijiet fil-kawża. Għalhekk il-Qorti ma hix marbuta li tapplika dak li qalet is-sentenza msemmija **f’din il-kawża**.

“Stabbilit dan din il-Qorti tħoss li għandha taqbel mal-konklużjonijiet raġġunti fil-kawża **Josephine Bugeja vs Avukat Generali et**. Kif ġja’ ngħad, kull Gvern għandu fakoltajiet wiesgħa ħafna anke rikonoxxuti mill-ogħla Qorti Ewropeja biex jilleġisla fir-rigward ta’ djar u abitazzjoni u

wieħed jifhem li tista' tinħoloq kaos f'dan ir-rigward jekk artijiet li llum saru fondi ta' abitazzjoni u li ngħataw b'enfitewsi żmien twil ilu ma jkunux koperti b'xi forma ta' protezzjoni. Kif qalet dik is-sentenza d-direttarju se jibqagħlu dak id-dritt u m'huwa se jittiħidlu xejn jekk mhux id-dritt awtomatiku li jieħu lura l-fond li l-antenati tiegħu kienu ittrasferew mija u ħamsin sena qabel (f'dan il-każ). Huwa veru li kif qalet il-Qorti fis-sentenza ta' Galea Testaferrata, li l-kanone għalkemm se jiżdied mhux se jikkumpensa adekwatament għall-valur tal-fond li kieku kellu jiġi rkuprat iżda f'dan il-każ wieħed ma jlumx il-leġislatur li ried jevita l-kaos li ssemma' aktar qabel.

"Ma hemmx kwistjoni li l-attur ipprova li jabita fil-fond in kwistjoni u kien jagħmel hekk meta skadiet il-konċessjoni in kwistjoni. Il-kanone li kien ta' tnax-il ċenteżmu u ħames milleżmi kellu jsir ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm0.75) u allura Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€1.75)."

**<u>Appell</u>**

8. Mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti appella l-konvenut nomine u dana in bazi ghal diversi aggravji. L-ewwel aggravju sollevat mill-konvenut nomine jittratta dwar in-nullità tas-sentenza appellata billi l-ewwel Qorti naqset li tiddeciedi b'kap separat l-eccezzjoni ta' l-irritwalità ta' l-Att tac-Citazzjoni sollevata minnu.

9. Bit-tieni aggravju ta' l-appell tieghu, il-konvenut nomine jikkontendi li bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju ta' l-appell, l-ewwel Qorti kellha tilqa' l-eccezzjoni ta' irritwalità u konsegwenti nullità ta' l-Att ta' Citazzjoni u dana billi l-attur *ma indikax fic-citazzjoni kif il-proprjetà in kwistjoni taqa' taht il-Kap. 158. Il-possibilità taht dik il-ligi li enfitewsi temporanja tigi konvertita f'wahda perpetwa ghandha diversi modalitajiet u tiddependi mil-liema sub-artikolu tal-Artikolu 12 tal-Kap. 158 l-attur jaghzel li jinvoka. L-attur f'din il-kawza però ma specifika f'ebda hin is-subartikolu li fuqu kien qieghed jibbaza t-talba tieghu u b'hekk naqas milli jidentifika b'mod car l-oggett tal-kawza u r-raguni tat-talba kif kien tenut li jaghmel skond l-Artikolu*

*156 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili*[2]*.* Il-konvenut nomine jikkontendi wkoll li l-Ewwel Qorti *naqset milli tivvaluta l-applikabilità tal-ligi ghall-kaz stante li din il-koncessjoni originarjament kienet ta' art u mhux ta' dar kif jirrizulta mill-istess atti ezebiti* u *in oltre l-attur naqas li jaghmel prova tat-titolu tac-cens tieghu billi naqas li jipproduci fl-atti tal-kawza l-att tal-koncessjoni originali u ghalhekk il-Qorti ma setghetx korrettement tikkonkludi li l-attur kien intitolat jaghmel dik il-konverzjoni li akkoljitlu l-ewwel Onorabbli Qorti*[3]. Ghal dawn ir-ragunijiet ukoll skond il-konvenut nomine s-sentenza appellata ghandha tigi revokata.

10. Fir-rigward tad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li tichad it-tieni eccezzjoni minnu sollevata ghaliex fil-fehma taghha l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 12(4), (5) u (6) tal-Kap.158 tal-Ligijiet ta' Malta ma tivvjolax la d-dritt fondamentali ghall-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens kif sancit fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas id-dritt fondamentali ghat-tgawdija pacifika tal-proprjetà kif sancit fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, il-konvenut nomine jsostni li tali decizjoni hija zbaljata ghaliex dik il-Qorti naqset milli effettivament tezamina l-Artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea minnu invokati mill-ottika tal-fatti in ezami. Huwa jsostni li anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, kellu jigi accettat li l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 12(4), (5) u (6) tal-Kap.158 ma tammontax ghal tehid forzuz ta' proprjetà izda biss ghall-kontroll ta' l-uzu tal-proprjetà fl-interess generali, xorta jibqa' l-fatt li fil-kaz in ezami hemm ksur tad-dritt tal-padrun dirett ghat-tgawdija tal-proprjetà kif protett fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea billi ma tirrizultax il-proporzjonalità bejn l-ghan li ried jilhaq l-Istat u d-drittijiet ta' l-individwu, kif rikjest mill-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-konvenut nomine in oltre jikkontendi li bis-sentenza appellata kif pronuncjata, l-ewwel Qorti applikat *ligi li effettivament tikser il-provvediment tal-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni u*

[2] Fol. 4 tal-process tal-Qorti Kostituzzjonali.
[3] Fol. 5 tal-process tal-Qorti Kostituzzjonali.

*b'hekk hija stess qed tikkommetti l-istess ksur tal-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni bid-decizjoni taghha*[4].

11. Aggravju iehor sollevat mill-konvenut nomine huwa fis-sens illi s-sentenza appellata *hija wkoll wahda monka billi l-ewwel Onorabbli Qorti naqset illi tikkjama fil-kawza lill-Avukat Generali. Gjaladarba hija accettat illi tinvestiga t-tieni eccezzjoni ta' l-appellant, hija kienet fid-dover li ssejjah l-Avukat Generali sabiex il-gudizzju jkun integru u ghalhekk huwa l-kaz li l-Avukat Generali jissejjah f'dan l-appell interpost mill-eccipjent*[5].

12. Bir-rikors ta' l-appell tieghu l-konvenut nomine qed jitlob lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza pronuncjata mill-Ewwel Qorti fl-4 ta' Marzu 2009 u minflok taqta' l-kawza billi tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu filwaqt li tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

13. B'risposta ipprezentata fl-20 ta' Mejju 2009 l-attur issottometta li l-appell tal-konvenut nomine ghandu jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut nomine.

14. L-attur jikkontendi li s-sentenza appellata ma hijiex nulla ghaliex *l-artikolu tal-ligi* [Artikolu 730 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta] *ma jghidx illi bilfors, jekk hemm eccezzjoni ta' nullità l-Qorti trid taghti sentenza separata fuq dan il-punt. Huwa bizzejjed li l-kwistjoni tkun trattata flimkien fis-sentenza fuq il-mertu*[6] u, skond hu, mis-sentenza appellata jirrizulta b'mod car li l-eccezzjoni tan-nullità ta' l-att ta' citazzjoni giet rigettata mill-ewwel Qorti flimkien mal-meritu tal-kawza. In sostenn ta' l-affermazzjoni tieghu li s-sentenza appellata ma hijiex nulla, l-attur jaghmel referenza wkoll ghall-Artikolu 790 (u mhux 490 kif erronejament indikat fir-risposta) tal-Kap. 12 li jipprovdi li *meta quddiem qorti fi grad ta' appell tingieb 'il quddiem eccezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eccezzjoni ma ghandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun*

[4] Fol. 7 tal-process tal-Qorti Kostituzzjonali.
[5] Fol. 18 tal-process tal-Qorti Kostituzzjonali.
[6] Fol. 34 tal-process tal-Qorti Kostituzzjonali.

*gusta fis-sustanza taghha, hlief jekk l-eccezzjoni tkun ibbazata fuq nuqqas ta' gurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' citazzjoni, jew fuq illegittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza ta' l-ewwel qorti hija extra petita jew fuq kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta' smigh xieraq*[7]. L-attur jikkontendi li n-nullità sollevata mill-konvenut nomine ma tinkwadrax ruhha taht xi wahda mill-eccezzjonijiet kontemplati fl-imsemmi artikolu tal-ligi u ghalhekk l-eccezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata sollevata mill-konvenut nomine ma ghandhiex tigi milqugha minn din il-Qorti. In bazi ghal dawn is-sottomissjonijiet l-attur jikkontendi li l-ewwel u t-tieni aggravju ta' l-appell sollevati mill-konvenut nomine ghandhom jigu michuda. L-attur, in oltre, isostni li l-ewwel aggravju ta' l-appell tal-konvenut nomine ma ghandux jigi milqugh ghaliex l-istess konvenut nomine *lanqas qatt ma insista quddiem l-ewwel Qorti talli* [recte: halli] *din taghti sentenza preliminari fuq dan anzi akwiexxa billi halla l-kawza ghaddejja u l-ewwel Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-mertu kollu tal-kawza. Kien biss fir-rikors tal-appell tieghu li l-appellant ressaq dan il-punt*[8].

15. Skond l-attur anke t-tielet aggravju ta' l-appell sollevat mill-konvenut nomine ghandu jigi michud u dana billi, kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti u kontra dak affermat mill-konvenut nomine, l-artikolu tal-ligi meritu tal-kontestazzjoni bl-ebda mod ma jilledi d-drittijiet fondamentali ta' l-istess konvenut nomine *qua* padrun dirett.

16. Dwar jekk l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 12(4), (5) u (6) tal-Kap. 158 tammontax ghal vjolazzjoni ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-attur jikkontendi li l-ezami li jrid isir jinvolvi tlett rekwiziti: *whether the deprivation had a public interest aim; whether the measure was proportionate in relation to the aim pursued and whether the measure was lawful*[9], u fil-fehma tieghu fil-kaz in ezami dawn it-tlett rekwiziti lkoll jissussistu. Ghaldaqstant ma tirrizulta ebda vjolazzjoni ta'

---

[7] Fol. 35 tal-process tal-Qorti Kostituzzjonali.
[8] Fol. 35 tal-process tal-Qorti Kostituzzjonali..
[9] Fol. 37 tal-process tal-Qorti Kostituzzjonali.

l-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea. Jikkontendi wkoll illi *minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti taqbel mal-aggravju tal-appellant illi l-ligi kif inhi imposta hija effettivament tehid jew esproprjazzjoni de facto ma jsegwix li l-artikoli tal-ligi huma nulli izda semmai isegwi li l-Istat irid jikkumpensa lis-sid ghat-tehid de facto li ikun sar*[10]. Skond l-attur ladarba ma tirrizultax il-vjolazzjoni ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghandu jigi michud ir-raba' aggravju ta' l-appell ukoll u dana partikolarment billi *il-fatt li s-sid jibqa' sid tal-fond u l-ammont tac-cens li jithallas, ikun aggustat sa' ammont li ma jkunx izjed minn dak ic-cens kull hmistax-il sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja, ma jpoggux 'an excessive burden' fuq is-sid u ghalhekk il-principju tal-proporzjonalità giet milhuqa*[11].

17. L-attur isostni li anke l-hames aggravju ta' l-appell sollevat mill-konvenut nomine ghandu jigi michud billi kontra dak minnu pretiz is-sentenza appellata ma hijiex monka minhabba l-fatt li ma giex kjamat fil-kawza l-Avukat Generali. L-attur jibbaza din is-sottomissjoni tieghu fuq zewg affermazzjonijiet: (a) illi ghalkemm *hu veru li l-Qorti ghandha d-dritt sua sponte tordna l-kjamata izda tali dritt ma jistax jitqies xi obbligu fuqha li thares hi l-interess tal-kontendenti … Kien biss fir-rikors ta' l-Appell tieghu* [il-konvenut nomine] *li qed iqajjem dan, wara li kellu kull opportunità li jaghmel talba (jekk hu ried) quddiem l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward*[12]*;* u (b) *il-kawza ma tistax tissejjah monka ghaliex ma giex kjamat in kawza l-Avukat Generali ghaliex dan ma kellu x'jaqsam xejn mal-kawza kif giet intavolata*[13].

18. Din il-Qorti tosserva li permezz ta' rikorsipprezentat fil-mori ta' dan l-appell[14], l-Avukat Generali talab li jigi ammess jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis* u din it-talba giet milqugha b'digriet datat 6 ta' Lulju 2009. L-Avukat Generali wkoll jikkontendi li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u dana billi l-applikazzjoni

---

[10] Fol. 39 tal-process tal-Qorti Kostituzzjonali.
[11] Fol. 40 tal-process tal-Qorti Kostituzzjonali.
[12] Fol. 40 tal-process tal-Qorti Kostituzzjonali.
[13] *Ibid.*
[14] Rikors ipprezentat fit-23 ta' Gunju 2009.

ta' l-Artikolu 12(4), (5) u (6) tal-Kap.158 tal-Ligijiet ta' Malta ma tammontax ghal vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-konvenut nomine ghaliex meta l-legislatur jillegisla fuq sitwazzjoni socjali, jillegisla b'mod generali u mhux ghal kazijiet partikolari u ghalhekk huwa accettat li jista' jkun hemm min bil-legislazzjoni in kwistjoni jigi milqut b'mod li jmur ahjar minn haddiehor u min jigi milqut b'mod li jmur aghar. F'tali sitwazzjonijiet il-legislatur mhux tenut jara f'kull kaz kif ser tinhadem is-somma li ser tithallas u li f'kull kaz ikun hemm *threshold* minimu li jintlahaq[15]. Apparti minn hekk l-Avukat Generali jikkontendi wkoll li meta jkun hemm il-privat li jkun ikkonceda proprjetà b'titolu ta' enfitewsi temporanja ghal perijodu ta' mija u hamsin sena, huwa jkun kkuntenta ruhu li ghal numru ta' snin konsiderevoli ma jibbenefikax mill-awmenti eventwali fil-valur tal-proprjetà u ghalhekk meta tigi promulgata legislazzjoni bhal fil-kaz ta' l-Artikolu 12(4), (5) u (6) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn it-titolu ta' enfitewsi temporanja jigi konvertit f'wiehed perpetwu, sid il-proprjetà ma jkollux jedd jirreklama, ghal skopijiet ta' kumpens, il-valur fuq is-suq ta' dik il-proprjetà fil-mument li tavvera ruhha tali konverzjoni. Ladarba s-sid ikun accetta li ma jibbenefikax minn tali awmenti eventwali fil-valur tal-proprjetà tul it-terminu tal-koncessjoni enfitewtika temporanja, huwa ghandu jbaxxi rasu ghall-istat ta' fatt li jinholoq bl-applikazzjoni tal-Ligi[16].

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

19. Ma hemm ebda dubju li l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi ndirizzata minn din il-Qorti hija dik sollevata mill-appellant nomine fl-ewwel aggravju tieghu ossia, in-nullità tas-sentenza appellata ghaliex l-ewwel Qorti naqset milli *tiddeciedi b'kap separat* [l-eccezzjoni ta' l-irritwalità ta' l-att ta' citazzjoni minnu sollevata] *billi fil-parti disposittiva hija semplicement cahdet l-eccezzjonijiet kollha ta' l-appellant*[17].

[15] Trattazzjoni orali waqt is-seduta tas-6 ta' Lulju 2009.
[16] *Ibid.*
[17] Fol. 4 tal-process tal-Qorti Kostituzzjonali.

20. In sostenn ta’ dan l-aggravju l-appellant nomine jinvoka: (i) il-provvediment tal-ligi enuncjat fl-Artikolu 730 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta – *l-eccezzjoni ta’ inkompetenza jew ta’ illegittimità ta’ persuna, u l-eccezzjonijiet ta’ transazzjoni, arbitragg, res judicata, preskrizzjoni jew nullità ta’ atti, ghandhom jigu decizi b’kapi ghalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu*; u (ii) il-principju guridiku li l-inosservanza ta’ dan il-precett procedurali jgib in-nullità tas-sentenza[18].

21. Fil-fehma ta’ din il-Qorti minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta immedjatament evidenti li l-ewwel Qorti naqset milli tindirizza, tittratta u tiddeciedi l-eccezzjoni ta’ l-irritwalità ta’ l-att ta’ citazzjoni bil-mod opportun u kif previst fil-ligi. Fis-sentenza taghha l-Qorti ta’ prim istanza trattat l-ewwel il-kwistjoni sollevata mill-attur dwar jekk il-konvenut nomine setax jaghti l-eccezzjoni li l-ligi mertu tal-kontestazzjoni ma hijiex applikabbli ghall-kaz in ezami jew inkella kellux jippromuovi azzjoni *ad hoc* fir-rigward, u wara li waslet ghall-konkluzjoni li l-appellant nomine seta’ jissolleva tali eccezzjoni ghaddiet biex tittratta b’mod dettaljat u estensiv l-eccezzjoni li d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 12(4), (5) u (6) tal-Kap. 158 jivvjolaw id-drittijiet fondamentali tal-padrun dirett kif protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Wara li dik il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li din l-eccezzjoni tal-konvenut nomine (illim l-appellant nomine) ma hijiex gustifikata ghaliex kontra dak minnu pretiz l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi ma jivvjolawx id-drittijiet fondamentali tal-padrun dirett kif protetti fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, <u>ghaddiet biex tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ t-talbiet attrici minghajr però ma effettivament ittrattat l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-appellant nomine, partikolarment l-eccezzjoni ta’ l-irritwalità ta’ l-att ta’ citazzjoni</u>.

22. L-uniku accenn li l-ewwel Qorti taghmel ghall-att ta’ citazzjoni fis-sentenza appellata huwa f’pagna 5 tas-sentenza fejn ikkunsidrat illi *kif jidher car mill-esposizzjoni*

[18] **Louis Pace v. Alfred Theuma**, Appell Civili Nru. 754/00 deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-7 ta’ Lulju 2003 – citata mill-appellant nomine fir-Rikors ta’ l-Appell tieghu.

*tal-fatti kontenuti fic-citazzjoni u n-nota ta' l-eccezzjonijiet, l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi mgieghel jittrasferielu taht titolu ta' enfitewsi perpetwa l-fond imsemmi u dan taht dak li jipprovdi l-artikolu 12 tal-Kap.158 tal-Ligijiet ta' Malta…*[19]. B'daqshekk, però, zgur li ma jistax jinghad illi dik il-Qorti trattat l-eccezzjoni ta' l-irritwalità (u konsegwenti nullita`) ta' l-att ta' citazzjoni b'mod li ssodisfat il-precetti procedurali stipulati kemm fl-Artikolu 218 tal-Kap. 12 li jipprovdi illi *fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha, u ghandu jkun hemm fiha wkoll riferenza ghall-procedimenti, ghat-talbiet ta' l-attur u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut …*, u fl-Artikolu 730 ta' l-istess imsemmi Kap. 12, u ghalhekk l-ilment ta' l-appellant nomine huwa li huwa gustifikat.

23. Fost diversi argumenti mressqa mill-appellat in sostenn tal-validità tas-sentenza appellata hemm l-argument li l-appellant nomine ma jistax illum jissolleva l-eccezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata ghaliex *qatt ma insista quddiem l-ewwel Qorti talli din taghti sentenza preliminari fuq dan anzi akwiexxa billi halla l-kawza ghaddejja u l-ewwel Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-mertu kollu tal-kawza. Kien biss fir-rikors tal-appell tieghu li l-appellant ressaq dan il-punt*[20]. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument ta' l-appellat, u dan ghar-raguni li ma hemm ebda obbligu fuq il-parti li tkun issollevat l-eccezzjoni tan-nullità ta' l-atti li titlob lill-Qorti biex taghti decizjoni preliminari dwar dan il-punt qabel ma jigi indirizzat il-meritu proprju tal-kaz in ezami. In effetti l-precitat Artikolu 730 tal-Kap. 12 jipprovdi b'mod car li d-decizjoni dwar l-eccezzjonijiet hemm imsemmija, fosthom l-eccezzjoni tan-nullità ta' atti, ghandha tinghata b'kap separat ghaliha **qabel jew flimkien mas-sentenza fil-meritu**. B'hekk mill-imsemmi provvediment tal-ligi, u anke mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, johrog car li huwa d-dover tal-Qorti li wara li tkun semghet il-kaz, tghaddi biex tezamina sew it-talbiet ta' l-attur, l-eccezzjonijiet sollevati mill-parti mharrka, il-provi kollha prodotti u s-sottomissjonijiet

[19] Fol. 123 tal-process tal-Prim' Istanza.
[20] Fol. 35 tal-process tal-Qorti Kostituzzjonali.

mressqa, u finalment taghti decizjoni motivata u, f'kaz ta' l-eccezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 730 tal-Kap. 12, taghti decizjoni fuqhom b'kap separat.

24. L-argument ta' l-appellat ma jregix ukoll ghaliex mill-atti processwali u partikolarment min-nota responsiva[21] pprezentata mill-appellant nomine quddiem l-ewwel Qorti, johrog ferm car li l-istess appellant nomine baqa' jishaq fuq l-eccezzjoni ta' l-irritwalità ta' l-att ta' citazzjoni sa' l-ahhar u f'ebda stadju tal-proceduri ma deher li kien qed jirrinunzja ghal tali eccezzjoni.

25. Stabbiliti dawn il-punti, però, din il-Qorti ma tistax tghaddi biex taghti d-decizjoni taghha dwar l-eccezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata minghajr ma tiehu in konsiderazzjoni dak provdut fl-Artikolu 790 tal-Kap. 12. Kif già inghad iktar 'il fuq, l-imsemmi artikolu jipprovdi li *meta quddiem qorti fi grad ta' appell tingieb 'il quddiem eccezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eccezzjoni ma ghandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha, hlief jekk l-eccezzjoni tkun ibbazata fuq nuqqas ta' gurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' citazzjoni, jew fuq illegittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza ta' l-ewwel qorti hija extra petita jew ultra petita jew fuq kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta' smigh xieraq.* Dan l-artikolu jipprovdi ghal dik li hija l-procedura korretta li ghandha tadotta Qorti fi grad ta' appell, bhalma hi din il-Qorti f'materji kostituzzjonali, meta tigi rinfaccjata b'eccezzjoni ta' nullità tas-sentenza appellata. Jekk l-eccezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata hija bbazata fuq wahda mill-eccezzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 790 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia (a) fuq nuqqas ta' gurisdizzjoni; (b) fuq nuqqas ta' citazzjoni; (c) fuq illegittimità ta' persuna; jew (d) fuq kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta' smigh xieraq, il-Qorti fi grad ta' appell hija obbligata li tannulla s-sentenza appellata minghajr il-htiega ta' ebda indagini ulterjuri la dwar is-sustanza tas-sentenza appellata u lanqas ta' l-aggravji ta' l-appell l-ohra sollevati mill-appellant. Jekk, invece, l-eccezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata ma hijiex

[21] Fol. 96 sa' 117 tal-process tal-Prim' Istanza.

ibbazata fuq wahda mill-imsemmija eccezzjonijiet, il-Qorti tkun obbligata tezamina s-sustanza tas-sentenza appellata u, jekk issib li dik is-sentenza hija gusta fis-sustanza taghha, l-eccezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata ma ghandhiex tigi milqugha[22].

26. Issa, mir-rikors ta' l-appell johrog car li l-appellant nomine qed jibbaza l-eccezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata fuq il-fatt li f'dik is-sentenza l-ewwel qorti naqset milli tiddeciedi b'kap separat l-eccezzjoni ta' l-irritwalità ta' l-att ta' citazzjoni minnu sollevata fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu. Meta r-raguni moghtija mill-konvenut appellant in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu tigi kkunsidrata fid-dawl ta' dak provdut fil-precitat Artikolu 790, jirrizulta immedjatament evidenti li din ir-raguni ma tinkwadra ruhha taht ebda wahda mill-eccezzjonijiet hemm imsemmija. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha dwar in-nullità o meno tas-sentenza appellata minghajr qabel ma tezamina jekk l-istess sentenza appellata hijiex gusta fis-sustanza taghha. F'dan ir-rigward jibda biex jinghad illi din il-Qorti ma thossx li giet osservata id-debita gustizzja fil-konfront ta' l-appellant nomine meta l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni ta' l-irritwalità ta' l-att ta' citazzjoni minghajr ma trattat l-istess eccezzjoni u mmotivat id-decizjoni taghha fir-rigward kif rikjest mill-Artikolu 218 tal-Kap.12, u minghajr ma tat decizjoni taghha dwar din l-eccezzjoni b'kap separat kif rikjest mill-Artikolu 730 ta' l-istess imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar is-sustanza fiha nnifisha tas-sentenza appellata, din il-Qorti tosserva li già kellha l-opportunità tinvestiga u tittratta l-kwistjoni dwar jekk l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 12(4), (5) u (6) tal-Kap. 158 tammontax o meno, f'kaz konkret u mhux fl-astratt, ghal vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-padrun dirett kif protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u dana fl-Appell Kostituzzjonali fl-ismijiet **Josephine Bugeja et v. Avukat Generali et** bin-Numru 1/2002. Fil-proceduri odjerni saret referenza diretta ghall-imsemmi Appell

[22] **George Xuereb et v. Dr. Philip Attard Montalto**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Marzu 1992, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Volum LXXVI – ii – 426.

Kostituzzjoni 1/02, u addirittura gie verbalizzat li l-appell odjern kellu jinstema' flimkien ma' dak l-appell peress li l-meritu trattat fiz-zewg appelli kostituzzjonali kien simili[23].

27. L-Appell Kostituzzjonali fl-ismijiet **Josephine Bugeja et v. Avukat Generali et** gie deciz minn din il-Qorti llum stess, u fid-dawl ta' dik is-sentenza moghtija u tal-principji guridici hemm enuncjati, liema principji, fil-fehma ta' din il-Qorti, japplikaw *mutatis mutandis* ghall-kaz in ezami, <u>din il-Qorti ma tqisx li s-sentenza appellata in ezami – cioe` dik bejn John Bugeja u l-Provincja tal-Frangiskani Minuri Konventwali – hija gusta fis-sustanza taghha</u>.

28. Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk u fid-dawl tal-principju guridiku enuncjat f'diversi sentenzi in meritu, bhal, ad ezempju, is-sentenza fl-ismijiet **Louis Pace v. Alfred Theuma** deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Lulju 2003, illi l-inosservanza tal-precett procedurali enuncjat fl-Artikolu 730 tal-Kap. 12 igib in-nullità tas-sentenza, din il-Qorti ma tistax ghajr li tiddikjara s-sentenza appellata nulla.

<u>**Decide**</u>

29. Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell, u dan a bazi tal-ewwel aggravju sollevat mill-appellant nomine, u tannulla s-sentenza appellata. Konsegwentement tirrimetti l-atti tal-kawza lill-ewwel Qorti biex din tinvesti l-eccezzjoni ta' l-irritwalità ta' l-att ta' citazzjoni u sabiex l-kawza titkompla tigi definita skond il-ligi. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-ispejjez kollha, u cioe` kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell, jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

[23] Verbal tas-seduta tat-22 ta' Gunju 2009 fol. 45 tal-process tal-Qorti Kostituzzjonali.

---------------------------------TMIEM---------------------------------